Heritage Malta

Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **7 ta’ Jannar 2021**

**Masġar taż-żebbuġ ta’ żmien ir-Rumani qed jiġi protett permezz ta’ kollaborazzjoni bejn Ambjent Malta u Heritage Malta**

Ambjent Malta u Heritage Malta qed jikkollaboraw biex flimkien jaċċertaw il-protezzjoni u ż-żamma ta’ masġar taż-żebbuġ ta’ importanza sinifikanti fil-Bidnija. Is-siġar f’dan il-masġar għandhom madwar 1,800 sena.

Dan tħabbar mill-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar Aaron Farrugia u l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali José Herrera waqt ċeremonja ta’ ffirmar ta’ Memorandum ta’ Ftehim (MOU) bejn iż-żewġ entitajiet.

Il-Pjan ta’ Konservazzjoni, li jissemma wkoll fl-MOU, jinkludi numru ta’ miżuri dettaljati li jridu jiġu indirizzati kemm minn Ambjent Malta u anke minn Heritage Malta.

Il-Ministru Aaron Farrugia spjega li dawn il-miżuri jinkludu ż-żbir ta’ siġar minn ġardinara kwalifikati mis-sezzjoni tal-afforestazzjoni ta’ Ambjent Malta. Ikun jinħtieġ permess mill-ERA biex jinżabru siġar li huma protetti mir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar (2011).

Miżura oħra importanti tittratta l-ittestjar għall-*Xylella fastidiosa*, marda li hija ta’ theddida serja għal dawn is-siġar taż-żebbuġ. Għalkemm din il-marda għadha ma nstabitx f’Malta u s-siġar taż-żebbuġ kollha f’dan il-masġar ittestjaw fin-negattiv, eluf ta’ siġar taż-żebbuġ fin-naħa ta’ isfel ta’ Sqallija ġew affettwati minn din il-marda.

Miżuri addizzjonali jikludu l-ittestjar ġenetiku u għall-kontenut ta’ polyphenol f’kollaborazzjoni mal-Università ta’ Malta, il-propagazzjoni u t-tħawwil ta’ dawn is-siġar taż-żebbuġ, l-installazzjoni ta’ kameras tas-CCTV, miżuri għat-tifi tan-nar, u r-restawr ta’ ħitan tas-sejjieħ li jinsabu fl-akwata.

"L-implimentazjoni ta' dawn il-miżuri hija xhieda tal-impenn tal-gvern lejn il-protezzjoni tal-bijodiversità u l-ekosistemi ta' pajjiżna b'rispett lejn ġenerazzjonijiet futuri", qal il-Ministru Farrugia.

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali José Herrera, esprima s-sodisfazzjon tiegħu għall-iffirmar ta' dan il-ftehim u qal li dan huwa eżempju ċar ta' kif entitajiet differenti jistgħu jaqsmu r-riżorsi tagħhom u jikkollaboraw b'risq il-ħarsien tal-patrimonju tanġibbli ta' pajjiżna.

L-inħawi fejn jinsab il-masġar għandhom ukoll importanza arkeoloġika billi madwarhom hemm midfunin il-fdalijiet ta' villa rustika tal-perjodu Ruman fejn kien jinħadem iż-żejt. Aktar kmieni din is-sena kien ġie ffirmat ftehim ieħor, din id-darba bejn Heritage Malta, l-Università ta' Malta u s-Sovrintendenza għall-Wirt Kulturali, biex it-tliet entitajiet jaħdmu flimkien fl-istudju u l-konservazzjoni tal-wirt kulturali ta' dan is-sit.

Apparti l-obbligu tal-protezzjoni ta' din iż-żona li joħroġ mir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar (2011) u protezzjoni oħra li jirċievi dan is-sit minħabba li huwa skedat bħala Żona għall-Ħarsien tas-Siġar, Sit ta' Importanza Ekoloġika u Sit ta' Importanza Xjentifika, dan l-MOU jipprovdi miżuri addizzjonali biex isaħħaħ u jissalvagwardja l-protezzjoni u l-konservazzjoni ta' dawn is-siġar antiki.